MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 385/2003

**GLG Properties Limited**

**vs**

**C&F Building Contractors Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Frar 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm780.00) rapprezentanti danni kagunati mis-socjeta’ konvenuta skond kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Michael Falzon esebit mal-Avviz u mmarkat bhal Dok. A. Nonostante li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata thalals dan l-ammont permezz ta ittra tal-20 ta’ Jannar 2003 hija baqghet inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri tal-5 ta’ Dicembru 2002 u dawk tal-20 ta’ Jannar 2003, kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. Preliminarjament l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna stante li l-partijiet kienu qed jiddiskutu bejniethom possibilita' ta' transazzjoni. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbaghti l-ispejjes tal-kawza.

2. Illi fil-mertu it-tabliet attrici huma eccessivi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Leslie Gerada, tal-Perit Michael Falzon u tal-Perit Claude Mallia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-akz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2003 fejn il-Perit Valerio Schembri gie nominat bhala espert tekniku a spejjes provvizorjament tas-socjeta konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2005 fejn gie revokat l-inkarigu moghti lill-espert tekniku u dan ghar-ragunijiet imsemmija fil-verbal.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirigwarda talba ghad-danni kagunati lis-socjeta' attrici f'propjeta' immobbli appartenenti lilha f'numru 20 u 22, Triq Victor Denaro, Msida liema danni gew kagunati mis-socjeta konvenuta waqt li din kienet qed taghmel xoghol ta' twaqqiegh fil-fond aggjacenti ghal dak tas-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta m'hijiex qed tikkontesta r-responsabilita' ghad-danni kagunati lis-socjeta' attrici izda tirritjeni li l-azzjoni attrici hija intempestiva stante li kienu ghaddejjin it-trattattivi bejn il-partijiet u teccepixxi wkoll li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, u cioe' dik tal-intempestivita', ser tigi michuda ghaliex mill-provi (ara xhieda ta' Leslie Gerada u tal-Perit Michael

Falzon) irrizulta li meta giet kagunata l-hsara il-partijiet ltaqghu fuq il-post akkumpanjati mill-periti rispettivi u s-socjeta' konvenuta kienet accettat li thallas is-somma ta' Lm500.00 sabiex jigu rimedjati id-danni kagunati fuq gewwa u accettat ukoll li teffetwa hi r-riparazzjonijeit fuq barra. Nonostante li sar dan il-ftehim is-socjeta' konvenuta naqset milli thallas l-ammont miftiehem jew milli teffetwa r-riparazzjonijet u ghalhekk l-azzjoni attrici zgur ma tistghax tinghad li hija wahda intempestiva.

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi wkoll li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv. Is-socjeta' attrici produciet ir-rapport tal-perit Michael Falzon (a fol. 2 tal-process) fejn insibu elenku dettaljat tal-hsarat kagunati u tal-ispejjes necessarji sabiex isiru r-riparazzjonijiet. Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra naqset milli tressaq kwalsiasi prova intiza sabiex tissostanzja dak minnha allegat u cioe' li l-ammont ta' danni reklamat mis-socjeta' attrici huwa eccessiv. L-unika prova migjuba mis-socjeta' konvenuta fir-rigward hija x-xhieda tal-Perit Claude Mallia li ma ta ebda spjegazzjoni il-ghala l-ammonti indikati fir-rapport tal-Perit Michael Falzon huma eccessivi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u tmenin lira Maltin (Lm780.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluz id-dritt spettanti lill-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------